MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 53/2012

**Go plc**

**Vs**

**Mark Gatt**
**I.D. 217470(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tnax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€312.55) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz tà televizjoni bl-akkont numru *AC80124143.*

Illi permezz tà kuntratt datat 10 tà Mejju, 2007 il-konvenut ikkuntratta ghas-servizz imsemmi mas-socjeta’

Multiplus.Illi s-socjeta mittenti assumiet l-obbligi u d-drittijiet tal-imsemmija socjeta' Multiplus.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bil-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 la ghal dik tat-2 tà Novembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnax-il Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€312.55) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------